**70. Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin, l-Onor. Alex Sceberras Trigona, jipproponi:**

Billi fil-Parlament tal-Ewropa l-partit tal-lemin ċioe' l-Konservattivi u d-Demo-kristjani għandhom numru ta' deputati aktar milli għandhom is-Soċjalisti, u dawn il-kapurjuni fosthom dawn il-gruppi tal-lemin qatt ma setgħu jġerrħu fl-istonku tagħhom l-istatus il-ġdid ta' newtralita' ta' Malta:

U BILLI dawn l-istess kapurjuni qed jagħmlu minn kollox biex dan l-istatus ta' newtralita' jispiċċa, ħalli Malta tkun tista' terġa' tintuża bħala fortizza mill-forzi tan-NATO kontra l-interessi naturali tal-Maltin li jridu jgħixu fi ħbiberija u fis-sliem mal-ġnus kollha ta' rieda tajba fil-Mediterran;

U BILLI dawn il-kapurjuni tal-gruppi tal-lemin mhux talli ma għamlu xejn biex igħinu lil Malta imma lanqas qatt ma kkundannaw in-nuqqasijiet kontra d-drittijiet tal-bniedem f'Malta fi żmenijiet,

- meta, waqt li l-Ewropa kienet qed tiftaħar li kellha ħelsien sħiħ u dejjem riedet tgħodd lil Malta bħala parti minnha, hija stess ċaħdet lil Malta minn dan il-ħelsien bl-iskuża li għas-sigurta' ta' l-Ewropa Malta bilfors ried ikollha l-istatus ta' kolonja; u bi prova ta' dan mhux talli Malta - tal-George Cross għall-qlubija fil-gwerra kontra n-Nażismu u l-Faxxiżmu - ma ħadetx sehemha mill-Marshall Aid iżda baqgħet l-aħħar kolonja fl-Ewropa u kważi minn ta' l-aħħarnett fl-Imperu Ingliż;

- meta f'Malta kien hawn tant nuqqas ta' liberta' tal-kelma li konna wasalna f'estrimita' li fil-belt kapitali u s-subborg tagħha ma setgħux isiru meetings pubbliċi;

- meta f'Malta ma kienx hawn il-liberta' tal-kitba għax il-Press Law kienet waħda mill-aktar reazzjonarji fl-Ewropa;

- meta f'Malta ma kienx hawn il-liberta' ta' kuxjenza għax il-Knisja Kattolika Appostolika Rumana kienet imponiet id-dnub il-mejjet fuq kull min jaqra gazzetti laburisti, jisma' kelliema laburisti u jivvota għall-Partit Laburista;

- meta f'Malta bl-iskuża li m'għandhiex issir propaganda kontra l-Knisja Kattolika Appostolika Rumana, il-Partit Soċjalista għal snin twal, ma tħalla qatt juża l-mezzi tar-radju u tat-televiżjoni; u

- meta, biex jispiċċa l-istatus kolonjali ta' Malta l-ħaddiema Maltin għamlu strike ta' ġurnata u ħafna minnhom intefgħu l-ħabs mill-Gvern Imperjali Ingliż, lanqas biss ma dehret aħbar fil-gazzetti tal-lemin ta' dawn il-kapurjuni ta' l-Ewropa;

U BILLI issa dawn il-kapurjuni tal-gruppi tal-lemin qed jagħmlu minn kollox biex igħinu lill-Partit Nazzjonalista kemm indirettament billi jsibu x-xagħra fl-għaġina ħalli jpinġu ikraħ lill-Gvern Soċjalista Malti permezz ta' diversi riżoluzzjonijiet li ressqu fil-Parlament tal-Ewropa fl-1979, 1981 u 1982 kif ukoll direttament, speċjalment fil-kampanja elettorali ta' l-1981 bil-flus, bil-propaganda qarrieqa dwar Malta fl-Ewropa, bl-użu tal-ħbieb tagħhom fl-Ambaxxati tal-Punent f'Malta, bi stazzjonijiet sħaħ tat-televiżjoni u tar-radju minn ġo Sqallija, b'attakki viljakki minn leaders tal-Partiti tagħhom kontra l-Leader Soċjalista Malti, li lanqas ingħata ċans li jwieġeb fuq il-mezzi tax-xandir ġewwa pajjiżhom fl-Ewropa;

U BILLI l-fehma ta' dawn il-kapurjuni ma tirriflettix il-politika ta' diversi gvernijiet tal-Ewropa li diġa' taw appoġġ sħiħ għal l-istatus ta' newtralita' li Malta qabdet mill-31 ta' Marzu, 1979 'l hawn;

U BILLI fuq riżoluzzjonijiet imressqa f'din il-Kamra mill-Prim Ministru fid-9 ta' Marzu, 1983, wara li l-Membri eletti tal-Partit Nazzjonalista nformawh li kienu lesti li jieħdu posthom fil-Parlament, il-Parlament Malti approva li jikkooptja lill-istess Membri Nazzjonalisti bħala Membri ta' dan il-Parlament;

U BILLI b'danakollu proprju l-għada li għaddiet din ir-riżoluzzjoni dawn il-kapurjuni, biex għal taparsi jaqbdu lil sħabhom tal-Partit Nazzjonalista, approfittaw ruħhom mit-tqanċiċ naturali tal-Kommunità Ewropea biex igħaddu fl-10 ta' Marzu, 1983 mill-Parlament Ewropew riżoluzzjoni moqżieża biex igħidu lill-Ministri tal-Kommunità biex jiċħdu l-flus li l-Kummissjoni tal-istess Kommunità kienet diġà rrakkommandat li jingħataw lil Malta;

U BILLI l-Kommunità Ewropea se jkollha tagħżel bejn dawn il-kapurjuni tal-gruppi tal-lemin bejn Malta li qegħda toffri lill-Kommunità relazzjonijiet speċjali li jwasslu għat-tisħiħ tas-sliem fil-Mediterran u għalhekk għat-tisħiħ tal-ħelsien fl-Ewropa;

ISSA għaldaqstant, din il-Kamra tirriżolvi li tqabbad lill-Gvern biex jirtira l-Ambaxxatur tiegħu mill-Kommunità kemm-il darba;

Jew il-Kunsill tal-Ministri fis-seduta li jmiss ma jinjorax ir-riżoluzzjoni tal-10 ta' Marzu, 1983 tal-Parlament Ewropew u japprova l-għemil tal-Kummissjoni dwar l-għotja speċjali ta' 10m. ECU ad hoc u l-għotja ta' 35m. ECU permezz tat-Tieni Protokolu Finanzjarji;

Jew il-Parlament tal-Ewropa ma jintebaħx kemm kienet redikola r-raġuni li ta biex biha jiġġustifika r-riżoluzzjoni tiegħu li Malta m'għandhiex tieħu dak li jistħoqilha - liema riżoluzzjoni l-istess Kap tal-Partit Nazzjonalista kien iddeploraha pubblikament fit-13 ta' Marzu hawn Malta - u għalhekk jirtira r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu biex il-Kummissjoni treġġa' lura l-proposti finanzjarji tagħha lill-Kunsill.

29.03.1983